TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 32/18-F

**Francis Buhagiar**

**vs**

**Calbros Bathroom Centre Ltd.**

Illum 29 ta' Mejju, 2018

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-28 ta' Frar, 2018 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' mija u tleta u għoxrin ewro (€123), rappreżentanti l-prezz li ħallas sabiex jirranġa l-knaten li sarulu l-ħsara fihom wara li sar ix-xogħol.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi kien ingaġġa lis-soċjeta' ntimata sabiex tagħmillu kamra tal-banju ġdida bit-tqegħid b'kollox. Illi wara li sar ix-xogħol ir-rikorrenti nnota illi iċċaqalqu xi knaten tant li ma setax isewwihom hu.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet illi meta jsiru xi xogħolijiet bħal dawn dejjem ikun hemm xi ċaqliq ta' xi knaten minħabba n-natura tax-xogħol.

**It-Tribunal jinnota illi :**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet u ra xi ritratti, jinnota li r-rikorrenti għandu raġun u li mhix aċċettabbli li jiċċaqilqu l-knaten, anke jekk isir xogħol ta' tqegħid ta' madum u ta' l-affarijiet.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' mitt ewro (€100), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888